# QUDDIEM XBIEHA MQADDSA

Ċkejkna Teresa, b'imħabbiet qaddisa
qalbi titfawwar meta ħarsti nwaqqaf,
bħal maħruġ minni n-nifsi fuq xbiehatek
sbejħa bħal ruħek.

Ħafif jittajjar ħsiebi daqs ħajbura
li fewġa ħelwa tmexxi f'wiċċ kaħlani
tulek ja sajf. Nitgħaxxaq jien u noħlom
ħwejjeġ tas-sema.

Nistħajlek fuq is-sħab titbissem ħelwa
lil qtajja t'Anġli li ferħana jgħollu
il-leħen tagħhom biex il-Kbir ifaħħru
li kabbar ismek,

waqt li minn ħdanek fuq id-dinja xxerred
xita ta' ward illi bi fwieħhu jserraħ
qlub il-bnedmin magħsura, u wisq midruba
f'taqtigħ il-ħajja.

Ta' ħsiebek l-għoli dwal għajnejk jistqarru,
safat imħabbtek it-tbissim ta' fommok,—
Lejk jien inħares w int tisraqni f'ħarstek,
minn l-art terfagħni.

Tnissini ta' did-dinja l-qerq u n-niket
inħoss ġo qalbi tixgħel xewqa kbira
li l-fuq l-fuq nittajjar sa ma ruħi
tingħaqad m'Alla.

O li kont tisma' dat-taħbit ta' qalbi
u tilqa' ħelwa dax-xewqat ta' ruħi!—
ferħan nintilef u mitluf nitbennen
fi ħdan għarusek.

**g. t.**